Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,758, 28 ta' Diċembru, 2021
Taqsima A

MALTA

ATT Nru LXXII tal-2021

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda diversi liġijiet dwar is-servizzi finanzjarji.

ACT No. LXXII of 2021

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to further amend various financial services laws.

Verżjoni Elettronika

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

28 ta' Diċembru, 2021

ATT Nru LXXII tal-2021

ATT biex ikompli jemenda diversi liġijiet dwar is-servizzi finanzjarji.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:–

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2021 li jemenda Diversi Liġijiet dwar is-Servizzi Finanzjarji (Emenda Nru 3).

(2) L-artikolu 33 ta' dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji jista b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi.

TAQSIMA I
EMENDI GĦALL-ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SERVIZZI FINANZJARJI TA' MALTA

Emenda għall-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Kap. 330.

2. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Verżjoni Elettronika

Emenda tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

3. Is-subpartita (1) tal-partita 1 tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi emendata b'dan li ġej:

(a) minnufih qabel it-tifsira "CRR" għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "CRD" tfisser Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, kif emendata minn żmien għal żmien, u li tinkludi kull miżura implimentattiva li tkun ġiet maħruġa jew li tista' tinħareġ taħtha;"; u

(b) fit-tifsira "CRR", minflok il-kliem "fuq ħtiġiet prudenzjali għal istituzzjonijiet u ditti ta' kreditu u li jemendaw" għandhom jidħlu l-kliem "dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda".

TAQSIMA II
EMENDI GĦALL-ATT DWAR SERVIZZI TA' INVESTIMENT

Emendi għall-Att dwar Servizzi ta' Investiment. Kap. 370.

4. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Servizzi ta' Investiment, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

5. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

(i) minnufih wara t-tifsira "awtorità regolatorja Ewropea" għandhom jiġu miżjuda dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "bażi konsolidata" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fil-punt (48) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR;

"bażi subkonsolidata" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fil-punt (49) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR;";

(ii) it-tifsira "derivattivi tal-komoditajiet agrikola" għandha tiġi sostitwita b'din it-tifsira ġdida li ġejja:

Verżjoni Elettronika

" "derivattivi tal-komoditajiet agrikoli" tfisser kuntratti fir-rigward ta' derivattivi relatati ma' prodotti elenkati fl-Artikolu 1, u Anness I, tat-Taqsimiet I sa XX u XXIV/1, mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, kif ukoll ma' prodotti elenkati fl-Anness I mar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000, kif emendat minn żmien għal żmien;";

(iii) minnufih wara t-tifsira "detentur ta' liċenza" għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva 2002/87/KE" tfisser id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplimentari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kwalunkwe miżuri implimentattivi li jkunu ġew jew li jistgħu jiġu maħruġa taħtha;";

(iv) minnufih wara t-tifsira "Direttiva UCITS" għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ditta ta' investiment" tfisser ditta ta' investiment kif imfissra fl-Artikolu 4(1) tal-MiFiD;";

(v) minnufih wara t-tifsira "dokument" jew "dokumentazzjoni" għandhom jiġu miżjuda dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

Verżjoni Elettronika

" "EBA" tfisser l-Awtorità Bankarja Ewropea (European Banking Authority) imwaqqfa bir-Regolament (UE) Nru 1093/ 2010;

"entità ta' riżoluzzjoni" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fis-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-Regolamenti dwar Rkupru u Riżoluzzjoni;";

L.S. 330.09.

(vi) minnufih wara t-tifsira "ftehim ta' investiment" għandhom jiġu miżjuda dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "grupp ta' ditti ta' investiment" tfisser grupp ta' ditti ta' investiment kif imfissra fil-punt (25) tal-Artikolu 4(1) tal-IFR;

"grupp ta' riżoluzzjoni" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fis-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-Regolamenti dwar Rkupru u Riżoluzzjoni;

L.S. 330.09.

"holding company finanzjarja" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fil-punt (20) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR;

"holding company finanzjarja mħallta" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Konglomerati Finanzjarji;

L.S. 330.06.

"holding company finanzjarja mħallta prinċipali" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lill-kliem "holding company finanzjarja mħallta prinċipali fi Stat Membru" fil-punt (32) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR;

"holding company finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fil-punt (33) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR;

"holding company finanzjarja prinċipali" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lill-kliem "holding company finanzjarja prinċipali fi Stat Membru" fil-punt (30) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR;

Verżjoni Elettronika

"holding company finanzjarja prinċipali tal-UE" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fil-punt (31) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR;

"holding company ta' attività mħallta" tfisser impriża prinċipali li ma tkunx holding company finanzjarja, holding company ta' investiment, istituzzjoni ta' kreditu, ditta ta' investiment, jew holding company finanzjarja mħallta fil-kuntest tat-tifsira tad-Direttiva 2002/87/KE, li jkollha s-sussidjarji tagħha jinkludu mill-inqas ditta ta' investiment waħda;

"holding company ta' investiment" tfisser holding company ta' investiment kif imfissra fil-punt (23) tal-Artikolu 4(1) tal-IFR;

"IFD" tfisser id-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar is-superviżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li temenda d-Direttivi 2002/87/KE, 2009/65/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE, 2014/59/UE u 2014/65/UE, kif emendati minn żmien għal żmien, u li tinkludi kull strument legali vinkolanti, linji gwida u miżuri oħra li jkunu nħarġu jew li jistgħu jinħarġu taħtha;

"IFR" tfisser ir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 575/2013, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 806/2014, kif emendati minn żmien għal żmien, u tinkludi kull strument legali vinkolanti, linji gwida u miżuri oħra li jkunu nħarġu jew li jistgħu jinħarġu taħtha;";

(vii) minnufih wara t-tifsira "irċevuti tad-depożiti" għandhom jiġu miżjuda dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "istituzzjoni finanzjarja" tfisser istituzzjoni finanzjarja kif imfissra fil-punt (14) tal-Artikolu 4(1) tal-IFR;

Verżjoni Elettronika

"istituzzjoni prinċipali" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lill-kliem "istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru" fil-punt (28) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR;

"istituzzjoni prinċipali tal-UE" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fil-punt (29) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR;";

(viii) minnufih wara t-tifsira "klijent" għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "konformità mat-test tal-kapital tal-grupp" tfisser konformità minn impriża prinċipali fi grupp ta' ditti ta' investiment mal-ħtiġiet tal-Artikolu 8 tal-IFR;";

(ix) minnufih wara t-tifsira "rabtiet mill-qrib" għandhom jiġu miżjuda dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "Regolament (UE) Nru 1092/2010" tfisser Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, kif emendat minn żmien għal żmien, u jinkludi kull miżura implimentattiva li tkun ġiet jew li tista' tiġi maħruġa taħtu;

"Regolament (UE) Nru 1093/2010" tfisser Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, kif emendat minn żmien għal żmien, u jinkludi kull miżura implimentattiva li tkun ġiet jew li tista' tiġi maħruġa taħtu;

Verżjoni Elettronika

"Regolament (UE) Nru 1094/2010" tfisser Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE, kif emendat minn żmien għal żmien, u jinkludi kull miżura implimentattiva li tkun ġiet jew li tista' tiġi maħruġa taħtu;"; u

(x) minnufih wara t-tifsira "strument" għandhom jiġu miżjuda dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "strument legali vinkolanti" tfisser kwalunkwe miżuri li japplikaw direttament, inklużi, iżda mhux biss, kwalunkwe standard tekniku implimentattiv, kwalunkwe standard tekniku regolatorju jew kwalunkwe miżuri simili, li jinħarġu taħt il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea;

"superviżur konsolidanti" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fil-punt (41) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR;"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandhom jiġu miżjuda dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(1A) Għall-finijiet li jiġu applikati l-ħtiġiet u s-setgħat superviżorji stipulati f'dan l-Att u f'kull regolamenti u Regoli dwar is-Servizzi ta' Investiment magħmulin jew maħruġin taħtu li jittrasponu s-CRD, f'kull strument legali vinkolanti maħruġ taħt is-CRD, jew fis-CRR, fuq bażi konsolidata jew subkonsolidata skont dan l-Att u kull regolamenti u Regoli dwar is-Servizzi ta' Investiment magħmulin jew maħruġin taħtu li jittrasponu s-CRD, kull strument legali vinkolanti maħruġ taħt is-CRD, u skont is-CRR, il-kliem "istituzzjoni", "istituzzjoni prinċipali", "istituzzjoni prinċipali tal-UE" u "impriża prinċipali" għandhom jinkludu wkoll:

Verżjoni Elettronika

(a) holding companies finanzjarji u holding companies finanzjarji mħallta li jkollhom approvazzjoni skont l-artikolu 10ĊA ta' dan l-Att u, jew l-Artikolu 21a tas-CRD;

(b) istituzzjonijiet nominati kontrollati minn holding company finanzjarja prinċipali tal-UE, holding company finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE, holding company finanzjarja prinċipali fi Stat Membru jew holding company finanzjarja mħallta prinċipali fi Stat Membru fejn il-prinċipali relevanti tkun eżentata skont l-artikolu 10ĊA(5) ta' dan l-Att u, jew l-Artikolu 21a(4) tas-CRD; u

(ċ) holding companies finanzjarji, holding companies finanzjarji mħallta jew istituzzjonijiet nominati skont l-artikolu 16AA(1)(f) ta' dan l-Att u, jew l-Artikolu 21a(6)(d) tas-CRD:

Iżda għall-finijiet ta' dan is-subartikolu:

(i) il-kelma "kontroll" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fil-punt (37) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR, u l-kelma "kontrollati" għandha tinftiehem skont dan; u

(ii) il-kelma "istituzzjoni" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fil-punt (3) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR.

(1B) Referenza għall-"approvazzjoni" ta' holding companies finanzjarji jew holding companies finanzjarji mħallta f'dan l-Att u f'kull regolamenti u, jew Regoli dwar is-Servizzi ta' Investiment maħruġin taħtu, tfisser l-approvazzjoni mogħtija mill-awtorità kompetenti skont l-artikolu 10ĊA ta' dan l-Att jew approvazzjoni mogħtija permezz ta' deċiżjoni konġunta tal-awtorità kompetenti u ta' xi awtorità regolatorja Ewropea skont l-artikolu 10ĊA ta' dan l-Att u l-Artikolu 21a tas-CRD kif jista' jkun il-każ.

Verżjoni Elettronika

(1Ċ) Referenza għall-"eżenzjoni" ta' holding companies finanzjarji jew holding companies finanzjarji mħallta f'dan l-Att u f'kull regolamenti u, jew Regoli dwar is-Servizzi ta' Investiment maħruġin taħtu, tfisser eżenzjoni mogħtija mill-awtorità kompetenti skont l-artikolu 10ĊA ta' dan l-Att jew eżenzjoni mogħtija permezz ta' deċiżjoni konġunta tal-awtorità kompetenti u ta' xi awtorità regolatorja Ewropea skont l-artikolu 10ĊA ta' dan l-Att u l-Artikolu 21a tas-CRD, kif jista' jkun il-każ.".

6. L-artikolu 2A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 2A tal-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "tal-MiFIR u tad-Direttiva UCITS, u l-Kummissjoni" għandhom jidħlu l-kliem "tal-MiFIR, tad-Direttiva UCITS, tal-IFD u tal-IFR, u l-Kummissjoni" u minnufih wara għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2A) L-awtorità kompetenti għandu jkollha l-kompetenza, ir-riżorsi, il-kapaċità operattiva, is-setgħat u l-independenza meħtieġa biex twettaq il-funzjonijiet tagħha u teżerċita s-setgħat li tagħtiha l-liġi."; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "mid-MiFID, mill-MiFIR jew mid-Direttiva UCITS, l-awtorità kompetenti għandha:", għandhom jidħlu l-kliem "mill-MiFID, mill-MiFIR, mid-Direttiva UCITS, mill-IFD jew mill-IFR, l-awtorità kompetenti għandha:".

7. L-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

(a) minnufih wara l-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) tagħti liċenzja lil applikant li jkollu holding company ta' investiment jew holding company finanzjarja mħallta bħala l-kumpanija prinċipali tiegħu sakemm ma tkunx sodisfatta li l-membri tal-korp ta' governanza ta' dik il-kumpanija prinċipali jkollhom reputazzjoni tajba biżżejjed u jkollhom l-għarfien, il-kompetenzi u l-esperjenza biżżejjed biex iwettqu dmirijiethom b'mod effettiv, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni r-rwol speċifiku li għandha holding company ta' investiment jew holding company finanzjarja mħallta."; u

(b) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

Verżjoni Elettronika

(i) minflok il-paragrafu (b) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(b) ċerti tipi ta' liċenzji;"; u

(ċ) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "ċerti kategoriji ta'detenturi;" għandhom jidħlu l-kliem "ċerti tipi ta' detenturi ta' liċenzja;".

Emenda tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali.

8. L-artikolu 7 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu:

(i) fil-paragrafu (f) tiegħu, minflok il-kliem "tad-detentur tal-liċenza; u" għandhom jidħlu l-kliem "tad-detentur tal-liċenzja; jew"; u

(ii) fil-paragrafu (g) tiegħu, minflok il-kliem "l-għoti ta' dik il-liċenza." għandhom jidħlu l-kliem "l-għoti ta' dik il-liċenzja:" u minnufih wara dan għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda liċenzja għal servizzi ta' investiment għandha tiġi mħassra awtomatikament jekk id-detentur tal-liċenzja jiġi dikjarat fallut, jew jiġi stralċjat, jew jagħmel akkordju mal-krediturі tiegħu, jew jiġi xort'oħra xolt.";

(b) fil-paragrafu (f) tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "tal-manager jew tat-trustee jew tal-kustodju tal-iskema, jew tal-ekwivalenti tagħhom." għandhom jidħlu l-kliem "tal-manager jew tat-trustee jew tal-kustodju tal-iskema, jew tal-ekwivalenti tagħhom:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda liċenzja ta' skema ta' investiment kollettiv għandha tiġi awtomatikament imħassra jekk id-detentur tal-liċenzja jiġi dikjarat fallut, jew jiġi stralċjat, jew jagħmel akkordju mal-krediturі tiegħu, jew jiġi xort'oħra xolt."; u

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "subartikolu (1)." għandhom jidħlu l-kliem "subartikolu (2).".

Żieda tal-artikolu 8A fl-Att prinċipali.

9. Minnufih wara l-artikolu 8 tal-Att prinċipali għandu jiżdied

Verżjoni Elettronika

dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Applikazzjoni tas-CRR għal ċerti ditti ta' investiment.

8A. (1) L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tapplika r-rekwiżiti tas-CRR skont il-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(2) tal-IFR għal ditta ta' investiment biex din tiġġestixxi xi attività elenkata fil-punti (3) u (6) tas-Sezzjoni A tal-Anness I mal-MiFID, meta l-valur totali tal-attiv konsolidat ta' dik id-ditta ta' investiment ikun daqs jew jeċċedi l-ħames biljun euro (€5,000,000,000), kalkolati bħala medja tat-tnax (12)-il xahar ta' qabel, u meta japplika xi kriterju jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) dik id-ditta ta' investiment tkun tiġġestixxi dawk l-attivitajiet fuq tali skala li l-falliment jew id-diffikultà tad-ditta ta' investiment jistgħu jwasslu għal riskju sistemiku;

(b) id-ditta ta' investiment tkun membru tal-ikklerjar kif imfisser fil-punt (3) tal-artikolu 4(1) tal-IFR; u, jew

(ċ) l-awtorità kompetenti tqis li jkun ġustifikabbli fil-kuntest tad-daqs, in-natura, l-iskala u l-komplessità tal-attivitajiet tad-ditta ta' investiment involuta, meta jiġi kkunsidrat il-prinċipju ta' proporzjonalità u wara li jiġu kkunsidrati xi fattur jew aktar minn dawn li ġejjin:

(i) l-importanza tad-ditta ta' investiment għall-ekonomija ta' Malta jew tal-Unjoni Ewropea;

(ii) x'sinifikat għandhom l-attivitajiet transkonfini tad-ditta ta' investiment;

(iii) l-interkonnettività tad-ditta ta' investiment mas-sistema finanzjarja.

(2) Is-subartikolu (1) ma għandux japplika għal negozjanti ta' komoditajiet u ta' kwoti ta' emissjonijiet, impriżi ta' investiment kollettiv jew impriżi tal-assigurazzjoni.

(3) Meta l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tapplika r-rekwiżiti tas-CRR għal ditta ta' investiment skont is-subartikolu (1), għandha ssir superviżjoni fuq dik id-ditta ta' investiment dwar il-konformità tagħha mar-rekwiżiti prudenzjali taħt it-Titoli VII u VIII tas-CRD kif trasposti fil-liġi tal-pajjiż.

Verżjoni Elettronika

(4) Meta l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tirrevoka xi deċiżjoni meħuda skont is-subartikolu (1), din għandha tgħarraf lid-ditta ta' investiment mingħajr dewmien:

Iżda deċiżjoni meħuda mill-awtorità kompetenti taħt is-subartikolu (1) ma għandhiex tibqa' tapplika meta ditta ta' investiment ma tibqax konformi mal-limitu msemmi f'dak is-subartikolu, kalkolat matul perjodu ta' tnax-il xahar konsekuttiv.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-kliem "ditta ta' investiment" ifisser ditta ta' investment li jkollha liċenzja taħt dan l-Att.".

Emenda tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali.

10. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "liċenzja għal servizzi ta' investiment u l-*manager*" għandhom jidħlu l-kliem "liċenzja għal servizzi ta' investiment, holding company ta' investiment jew holding company finanzjarja mħallta u l-manager".

Emenda tal-artikolu 10A tal-Att prinċipali.

11. Fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (6) tal-artikolu 10A tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "is-CRD jew id-Direttiva dwar il-Likwiditá." għandhom jidħlu l-kliem "is-CRD, l-IFD, jew id-Direttiva dwar il-Likwiditá.".

Żieda tal-artikolu 10ĊA mal-Att prinċipali.

12. Minnufih wara l-artikolu 10Ċ tal-Att prinċipali għandu jiġi miżjud dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Approvazzjoni ta' holding companies finanzjarji u holding companies finanzjarji mħallta.

10ĊA. (1) Holding companies finanzjarji prinċipali, holding companies finanzjarji mħallta prinċipali, holding companies finanzjarji prinċipali tal-UE u holding companies finanzjarji mħallta prinċipali tal-UE, li jinsabu stabbiliti f'Malta jew f'xi Stat Membru ieħor jew fi Stat ŻEE u li jkollhom ditta ta' investiment bħala sussidjarja, għandhom jiksbu l-approvazzjoni jew l-eżenzjoni, kif jista' jkun il-każ, mingħand l-awtorità kompetenti li għandha tmexxi, bħala s-superviżur konsolidanti, skont dan l-artikolu. Holding companies finanzjarji oħra jew holding companies finanzjarji mħallta oħra, stabbiliti f'Malta jew f'xi Stat Membru ieħor jew fi Stat ŻEE u li jkollhom ditta ta' investiment bħala sussidjarja, għandhom jiksbu l-approvazzjoni jew l-eżenzjoni, kif jista' jkun il-każ, tal-awtorità kompetenti, li għandha tmexxi bħala s-superviżur konsolidanti, skont dan l-artikolu meta dawn ikunu meħtieġa jikkonformaw mas-CRD jew mas-CRR fuq bażi subkonsolidata:

Verżjoni Elettronika

Iżda skont l-artikolu 10D meta l-awtorità kompetenti ma tkunx is-superviżur konsolidanti, holding companies finanzjarji u holding companies finanzjarji mħallta stabbiliti f'Malta u li jkollhom ditta ta' investiment bħala sussidjarja, għandhom jiksbu l-approvazzjoni jew l-eżenzjoni, kif jista' jkun il-każ, tas-superviżur konsolidanti li tiġi deċiża skont l-Artikolu 111 tas-CRD.

(2) Għall-finijiet ta' ksib ta' approvazzjoni jew eżenzjoni, kif jista' jkun il-każ, skont is-subartikolu (1), il-holding companies finanzjarji u l-holding companies finanzjarji mħallta hemm imsemmija għandhom jipprovdu, meta:

(a) l-awtorità kompetenti ma tkunx is-superviżur konsolidanti imma l-holding company finanzjarja jew il-holding company finanzjarja mħallta tkun stabbilita f'Malta; jew

(b) il-holding company finanzjarja jew il-holding company finanzjarja mħallta tkun stabbilita fi Stat Membru jew fi Stat ŻEE li ma jkunx Malta u l-awtorità kompetenti tkun is-superviżur konsolidanti,

dan it-tagħrif li ġej lill-awtorità kompetenti:

(a) l-organizzazzjoni strutturali tal-grupp li l-holding company finanzjarja jew il-holding company finanzjarja mħallta, kif jista' jkun il-każ, tkun tifforma parti minnu, flimkien ma' indikazzjoni ċara ta' min ikunu s-sussidjarji tiegħu u, meta jkun japplika, l-impriżi prinċipali, u l-lokazzjoni u xorta ta' attività li kull waħda mill-entitajiet fi ħdan il-grupp tkun tmexxi;

(b) tagħrif dwar in-nomina ta' mill-inqas żewġ persuni li jkunu effettivament imexxu l-holding company finanzjarja jew il-holding company finanzjarja mħallta, kif jista' jkun il-każ, u konformità mal-ħtiġiet dwar il-kwalifika ta' diretturi stipulati fir-Regoli dwar is-Servizzi ta' Investiment;

(ċ) l-organizzazzjoni interna u t-tqassim ta' ħidmiet fi ħdan il-grupp;

(d) kull tagħrif ieħor li jista' jkun meħtieġ biex isiru l-valutazzjonijiet imsemmija fis-subartikoli (3) u (4) skont ma tista' teħtieġ l-awtorità kompetenti.

Verżjoni Elettronika

(3) Kull applikazzjoni għal approvazzjoni jew eżenzjoni, kif jista' jkun il-każ, skont dan l-artikolu għandha jkollha dik l-għamla u tkun imsieħba b'dak it-tagħrif u għandha tkun taqbel ma' kull tali ħtieġa li tista' tiġi stabbilita, minn żmien għal żmien, b'Regoli dwar is-Servizzi ta' Investiment.

(4) Tista' tingħata approvazzjoni lil holding company finanzjarja jew holding company finanzjarja mħallta, kif jista' jkun il-każ, skont dan l-artikolu biss fejn jiġu sodisfatti dawn il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-arranġamenti interni u t-tqassim ta' ħidmiet fi ħdan il-grupp ikunu adegwati għall-fini li jitħarsu l-ħtiġiet imposti b'dan l-Att u kull regolamenti magħmulin u Regoli dwar is-Servizzi ta' Investiment maħruġin taħtu li jittrasponu s-CRD u mis-CRR fuq bażi konsolidata jew subkonsolidata u li jkunu, b'mod partikolari, effettivi sabiex:

(i) jikkordinaw is-sussidjarji kollha tal-holding company finanzjarja jew tal-holding company finanzjarja mħallta, kif jista' jkun il-każ, inkluż, meta jkun meħtieġ, permezz ta' tqassim ta' ħidmiet adegwat fost istituzzjonijiet sussidjarji;

(ii) jipprevjenu jew jimmaniġġaw il-kunflitti li jinqalgħu fi ħdan il-grupp; u

(iii) jinfurzaw fil-grupp il-politiki komuni għall-grupp kollu stabbiliti mill-holding company finanzjarja prinċipali jew holding company finanzjarja mħallta prinċipali;

(b) l-organizzazzjoni strutturali tal-grupp li l-holding company finanzjarja jew holding company finanzjarja mħallta, kif jista' jkun il-każ, tkun tifforma parti minnu ma tkunx ixxekkel jew xort'oħra tipprevjeni milli ssir superviżjoni effettiva tal-istituzzjonijiet sussidjarji jew istituzzjonijiet prinċipali f'dak li jolqot lill-individwu, lill-obbligazzjonijiet konsolidati u, meta jkun adatt dawk subkonsolidati li huma soġġetti għalihom:

Iżda l-valutazzjoni ta' dan il-kriterju għandha tqis, b'mod partikolari:

Verżjoni Elettronika

(i) il-pożizzjoni tal-holding company finanzjarja jew tal-holding company finanzjarja mħallta, kif jista' jkun il-każ, fi grupp b'ħafna saffi;

(ii) l-istruttura tal-kapital azzjonarju; u

(iii) ir-rwol tal-holding company finanzjarja jew holding company finanzjarja mħallta, kif jista' jkun il-każ, fi ħdan il-grupp;

(ċ) jitħarsu l-ħtiġiet dwar il-kwalifika ta' diretturi stipulati fir-Regoli dwar is-Servizzi ta' Investiment.

(5) Tista' tingħata eżenzjoni lil holding company finanzjarja jew lil holding company finanzjarja mħallta, kif jista' jkun il-każ, skont dan l-artikolu biss fejn jiġu sodisfatti dawn il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-attività prinċipali tal-holding company finanzjarja tkun dik li takkwista parteċipazzjoni f'sussidjarji jew, fil-każ ta' holding company finanzjarja mħallta, l-attività prinċipali tagħha fir-rigward ta' istituzzjonijiet jew ta' istituzzjonijiet finanzjarji tkun dik li takkwista parteċipazzjoni f'sussidjarji;

(b) il-holding company finanzjarja jew holding company finanzjarja mħallta, kif jista' jkun il-każ, ma tkun ġiet nominata bħala entità ta' riżoluzzjoni f'ebda wieħed mill-gruppi ta' riżoluzzjoni tal-grupp skont l-istrateġija ta' riżoluzzjoni deċiża mill-awtorità tar-riżoluzzjoni relevanti skont il-BRRD;

(ċ) tiġi nominata istituzzjoni ta' kreditu sussidjarja responsabbli biex tiżgura li l-grupp ikun jikkonforma mal-ħtiġiet prudenzjali fuq bażi konsolidata u li jingħataw kull mezz meħtieġ u awtorità legali biex jitwettqu dawk l-obbligazzjonijiet b'mod effettiv;

(d) il-holding company finanzjarja jew holding company finanzjarja mħallta, kif jista' jkun il-każ, ma tindaħalx fit-teħid ta' deċiżjonijiet ta' xorta maniġerjali, operattiva jew finanzjarja li jolqtu lill-grupp jew lis-sussidjarji tiegħu li jkunu istituzzjonijiet jew istituzzjonijiet finanzjarji;

Verżjoni Elettronika

(e) ma jkun hemm ebda xkiel għas-superviżjoni effettiva tal-grupp fuq bażi konsolidata:

Iżda meta holding companies finanzjarji jew holding companies finanzjarji mħallta jkunu eżentati minn approvazzjoni skont dan is-subartikolu, dawn m'għandhomx jiġu esklużi mill-perimetru ta' konsolidazzjoni kif stipulat fid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kwalunkwe regolamenti magħmulin u Regoli dwar is-Servizzi ta' Investiment maħruġin taħtu li jittrasponu s-CRD u fis-CRR.

(6) Meta l-awtorità kompetenti tkun is-superviżur konsolidanti, din għandha tara li jkun hemm konformità mal-kondizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (4) jew, meta jkun japplika, is-subartikolu (5) fuq bażi kontinwa.

(7) (a) Holding companies finanzjarji u holding companies finanzjarji mħallta għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti, meta din tkun qiegħda taġixxi bħala s-superviżur konsolidanti, bit-tagħrif meħtieġ biex issir sorveljanza fuq bażi kontinwa tal-organizzazzjoni strutturali tal-grupp u konformità mal-kondizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (4).

(b) Holding companies finanzjarji u holding companies finanzjarji mħallta li jkunu eżentati skont is-subartikolu (5) għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti, meta din tkun qiegħda taġixxi bħala s-superviżur konsolidanti, bit-tagħrif meħtieġ għall-għemil ta' sorveljanza fuq bażi kontinwa tal-organizzazzjoni strutturali tal-grupp u konformità mal-kondizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (5).

(ċ) L-awtorità kompetenti għandha tikkondividi t-tagħrif li tkun irċeviet skont dan is-subartikolu mal-awtorità regolatorja Ewropea fejn tkun stabbilita l-holding company finanzjarja jew il-holding company finanzjarja mħallta, kif jista' jkun il-każ.

(8) Meta l-awtorità kompetenti tkun is-superviżur konsolidanti u din tkun stabbiliet li l-kondizzjonijiet stipulati fis-subartikolu (5) ma jkunux għadhom jitħarsu, il-holding company finanzjarja jew holding company finanzjarja mħallta, kif jista' jkun il-każ, għandha tikseb approvazzjoni skont dan l-artikolu.

Verżjoni Elettronika

(9) Għall-fini ta' teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni jew l-eżenzjoni minn approvazzjoni, kif jista' jkun il-każ, imsemmija fis-subartikoli (4), (5) u (8) u, jew fis-subartikoli (3), (4) jew (7) tal-Artikolu 21a tas-CRD, meta:

(i) l-awtorità kompetenti ma tkunx is-superviżur konsolidanti imma l-holding company finanzjarja jew il-holding company finanzjarja mħallta, kif jista' jkun il-każ, tkun stabbilita f'Malta; jew

(ii) il-holding company finanzjarja jew il-holding company finanzjarja mħallta, kif jista' jkun il-każ, tkun stabbilita fi Stat Membru jew fi Stat ŻEE li ma jkunx Malta u l-awtorità kompetenti tkun is-superviżur konsolidanti,

l-awtorità kompetenti għandha tikkopera flimkien mal-awtorità regolatorja Ewropea li tkun qiegħda taġixxi bħala superviżur konsolidanti jew mal-awtorità regolatorja Ewropea fl-Istat Membru jew Stat ŻEE fejn il-holding company finanzjarja jew il-holding company finanzjarja mħallta tkun stabbilita, kif jista' jkun il-każ, f'konsultazzjoni sħiħa.

(10) Meta l-awtorità kompetenti tkun is-superviżur konsolidanti, din għandha tħejji valutazzjoni dwar l-affarijiet imsemmija fis-subartikoli (4), (5) u (8), skont ma japplika, u għandha tgħaddi dik il-valutazzjoni lill-awtorità regolatorja Ewropea fl-Istat Membru jew Stat ŻEE fejn tkun stabbilita l-holding company finanzjarja jew il-holding company finanzjarja mħallta, kif jista' jkun il-każ.

(11) L-awtorità kompetenti, sew jekk tkun qiegħda taġixxi bħala superviżur konsolidanti sew jekk tkun qiegħda tirċievi l-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 21a(8) tas-CRD mingħand l-awtorità regolatorja Ewropea li tkun qiegħda taġixxi bħala s-superviżur konsolidanti, għandha tagħmel dak kollu li tista' tagħmel biex tasal għal deċiżjoni konġunta dwar l-approvazzjoni jew l-eżenzjoni mill-approvazzjoni, kif jista' jkun il-każ, imsemmija fis-subartikoli (4), (5) u (8) u, jew fis-subartikoli (3), (4) u (7) tal-Artikolu 21a tas-CRD, flimkien mal-awtorità regolatorja Ewropea fl-Istat Membru jew Stat ŻEE fejn il-holding company finanzjarja jew il-holding company finanzjarja mħallta tkun stabbilita jew mal-awtorità regolatorja Ewropea li

Verżjoni Elettronika

tkun qiegħda taġixxi bħala s-superviżur konsolidanti, kif jista' jkun il-każ, fi żmien xahrejn minn meta tiġi riċevuta dik il-valutazzjoni:

Iżda d-deċiżjoni konġunta għandha tkun debitament dokumentata u motivata u meta l-awtorità kompetenti tkun is-superviżur konsolidanti, din għandha tikkomunika d-deċiżjoni konġunta lill-holding company finanzjarja jew lill-holding company finanzjarja mħallta, kif jista' jkun il-każ.

(12) Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-awtorità kompetenti u l-awtorità regolatorja Ewropea li tkun qiegħda taġixxi bħala s-superviżur konsolidanti jew l-awtorità regolatorja Ewropea fl-Istat Membru jew Stat ŻEE fejn il-holding company finanzjarja jew il-holding company finanzjarja mħallta tkun stabbilita, kif jista' jkun il-każ, l-awtorità kompetenti għandha tastjeni milli tgħaddi għad-deċiżjoni konġunta msemmija fis-subartikolu (11) u għandha tirreferi l-kwistjoni lill-EBA skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. F'każijiet bħal dawk, l-awtorità kompetenti għandha tadotta deċiżjoni konġunta mal-awtorità regolatorja Ewropea li tkun qiegħda taġixxi bħala s-superviżur konsolidanti jew mal-awtorità regolatorja Ewropea fl-Istat Membru jew Stat ŻEE fejn il-holding company finanzjarja jew il-holding company finanzjarja mħallta tkun stabbilita, kif jista' jkun il-każ, b'mod konformi mad-deċiżjoni tal-EBA:

Iżda l-kwistjoni m'għandhiex tintbagħat lill-EBA wara li jgħaddi ż-żmien ta' xahrejn imsemmi fis-subartikolu (11) jew wara li tkun ittieħdet deċiżjoni konġunta.

(13) Fil-każ ta' holding companies finanzjarji mħallta, meta l-kordinatur maħtur skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2002/87/KE ma jkun la l-awtorità kompetenti, la l-awtorità regolatorja Ewropea li tkun qiegħda taġixxi bħala s-superviżur konsolidanti, u lanqas l-awtorità regolatorja Ewropea fl-Istat Membru jew Stat ŻEE fejn il-holding company finanzjarja mħallta tkun stabbilita, il-qbil ta' dak il-kordinatur għandu jkun meħtieġ għall-finijiet tad-deċiżjonijiet jew deċiżjonijiet konġunti msemmija fis-subartikoli (4), (5) u (8) u, jew is-subartikoli (3), (4) u (7) tal-Artikolu 21a tas-CRD, kif dawn jistgħu jkunu japplikaw. Meta jkun meħtieġ il-qbil tal-kordinatur, l-awtorità kompetenti għandha tirreferi kull nuqqas ta' qbil lill-Awtorità

Verżjoni Elettronika

Superviżorja Ewropea relevanti, jiġifieri, lill-EBA jew lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol) (EIOPA - European Insurance and Occupational Pensions Authority), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010, li għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar minn meta tirċievi t-talba għal konsultazzjoni. Kull deċiżjoni meħuda skont dan il-paragrafu għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjonijiet taħt id-Direttiva 2002/87/KE jew id-Direttiva dwar is-Solvenza II.

(14) Meta l-approvazzjoni ta' holding company finanzjarja jew ta' holding company finanzjarja mħallta, kif jista' jkun il-każ, tiġi miċħuda skont dan l-artikolu u l-awtorità kompetenti tkun is-superviżur konsolidanti, l-awtorità kompetenti għandha tavża lill-applikant bid-deċiżjoni u l-motivazzjonijiet relattivi fi żmien erba' xhur minn meta tiġi riċevuta l-applikazzjoni, jew fejn l-applikazzjoni tkun inkompleta, fi żmien erba' xhur minn meta jiġi riċevut it-tagħrif sħiħ meħtieġ biex tittieħed id-deċiżjoni. Flimkien maċ-ċħid jistgħu jiġu adottati, meta jkun meħtieġ, il-miżuri msemmija fl-artikolu 16AA:

Iżda d-deċiżjoni li approvazzjoni tingħata jew tiġi miċħuda għandha, f'kull każ, tittieħed fi żmien sitt xhur minn meta tiġi riċevuta l-applikazzjoni.

(15) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

(a) il-frażi "istituzzjoni finanzjarja" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fil-punt (26) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR;

(b) il-kelma "grupp" tfisser grupp kif imfissra fil-punt (138) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR;

(ċ) il-kelma "istituzzjoni" tfisser istituzzjoni kif imfissra fil-punt (3) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR;

(d) il-frażi "ditta ta' investiment" tfisser ditta ta' investiment kif imfissra fil-punt (2) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR;

(e) il-frażi "impriża prinċipali" tfisser impriża prinċipali kif imfissra fil-punt (15) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR;

(f) il-frażi "awtorità tar-riżoluzzjoni" tfisser awtorità nominata minn Stat Membru jew minn Stat ŻEE skont l-Artikolu 3 tal-BRRD;

Verżjoni Elettronika

(g) il-kelma "sussidjarja" tfisser sussidjarja kif imfissra fil-punt (16) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR.

(16) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 10.".

Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

13. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "detenturi ta' liċenza jew xi kategoriji tagħhom kif jista' jiġi speċifikat," għandhom jidħlu l-kliem "detenturi ta' liċenzja jew xi tipi tagħhom kif jista' jiġi speċifikat,";

(b) fil-paragrafu (k) tiegħu, minflok il-kliem "tad-Direttiva AIFM, ral-BRRD, tas-CRD, tad-MiFID, tal-MiFIR u tad-Direttiva UCITS;" għandhom jidħlu l-kliem "tad-Direttiva AIFM, tal-BRRD, tas-CRR, tas-CRD, tal-MiFID, tal-MiFIR, tad-Direttiva UCITS, tal-IFD, u tal-IFR;"; u

(ċ) fil-paragrafu (l) tiegħu, minflok il-kliem "tas-CRD u tas-CRR, skont ma tista' tiġi" għandhom jidħlu l-kliem "tas-CRD, tas-CRR, tal-IFD u tal-IFR, skont ma tista' tiġi".

Emenda tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali.

14. L-artikolu 13 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Mingħajr preġudizzju għal xi setgħa li għandha l-awtorità kompetenti li toħroġ minn xi liġi oħra, l-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa li titlob informazzjoni mingħand:

(a) persuna li tkun jew li kienet qiegħda tipprovdi, jew li tidher li tkun jew li kienet qiegħda tipprovdi, xi servizz ta' investiment;

(b) skema ta' investiment kollettiv;

(ċ) persuna li tkun jew li kienet qiegħda tiġġestixxi, jew li tidher li tkun jew li kienet qiegħda tiġġestixxi attivitajiet li jkollhom x'jaqsmu ma' xi skema bħal dik;

(d) persuna li tkun ħarġet, jew li tidher li tkun ħarġet riklam li jinkwadra fid-dispożizzjonijiet tal-

Verżjoni Elettronika

artikolu 11(1);

(e) awditur ta' detentur tal-liċenzja; jew

(f) xi persuna oħra li tidher li jkollha tagħrif relevanti.";

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, kif sostitwit, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(1A) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), l-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa li titlob informazzjoni mingħand:

(a) ditti ta' investiment stabbiliti f'Malta;

(b) holding companies ta' investiment stabbiliti f'Malta;

(ċ) holding companies finanzjarji mħallta stabbiliti f'Malta u l-kumpaniji sussidjarji tagħhom;

(d) holding companies ta' attività mħallta stabbiliti f'Malta;

(e) persuni li jappartjenu għall-entitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (d);

(f) terzi persuni li l-entitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) jkunu esternalizzawlhom funzjonijiet jew attivitajiet operattivi.

(1B) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikoli (1) u (1A), l-awtorità kompetenti tista', b'avviż bil-miktub, teħtieġ lil xi persuna msemmija f'dawk is-subartikoli li twettaq dan kollu jew xi ħaġa minn dan li ġej:

(a) li tipprovdi lill-awtorità kompetenti, fiż-żmien meta u f'dak il-lok u b'dak il-mod li din tista' tispeċifika, dik l-informazzjoni u dokumentazzjoni li tista' tkun teħtieġ, inkluża s-setgħa li teħtieġ reġistrazzjonijiet telefoniċi eżistenti u tat-traffiku ta' data eżistenti, dwar xi tali servizz, skema jew riklam bħal dawk imsemmija, jew dwar xi persuna li d-detentur tal-liċenzja jkollu rabtiet fil-qrib magħha fil-kuntest tat-tifsira tal-artikolu 6;

Verżjoni Elettronika

(b) li tipprovdi lill-awtorità kompetenti kull informazzjoni jew dokumentazzjoni msemmija hawn qabel verifikati b'dak il-mod li din tista' tispeċifika;

(ċ) li tattendi quddiem l-awtorità kompetenti, jew quddiem xi persuna maħtura minnha, fiż-żmien meta u f'dak il-lok li din tista' tispeċifika, biex twieġeb għal mistoqsijiet u tipprovdi informazzjoni u dokumentazzjoni dwar tali servizz, skema jew riklam bħal dawk imsemmija."; u

(ċ) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-awtorità kompetenti tista' teżamina u tagħmel kopji jew estratti ta' dokumenti fornuti jew provduti taħt dan l-artikolu.".

Emenda tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali.

15. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "msemmija fil-paragrafi tal-artikolu 13(1)(i) sa (iv)." għandhom jidħlu l-kliem "msemmija fl-artikolu 13(1)(a) sa (d) u (1A).".

Emenda tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali.

16. Fil-paragrafu (g) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "tad-Direttiva AIFM, tal-BRRD, tas-CRD, tal-MiFID, tal-MiFIR u tad-Direttiva UCITS;" għandhom jidħlu l-kliem "tad-Direttiva AIFM, tal-BRRD, tas-CRD, tal-MiFID, tad-Direttiva UCITS, u tal-IFD;".

Emenda tal-artikolu 16 tal-Att prinċipali.

17. L-artikolu 16 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "sabiex minn hemm jikseb it-tagħrif" għandhom jidħlu l-kliem "sabiex minn hemm jikseb u, jew jivverifika l-informazzjoni"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2A) Mingħajr preġudizzju għas-subartikoli (1) u (2), meta uffiċjal, impjegat jew aġent tal-awtorità kompetenti juri, jekk mitlub, prova tal-awtorità li jkollu, dan jista' jidħol ġo fond li jkun okkupat minn persuna li tkun ġiet notifikata b'avviż taħt l-artikolu 13 u minn xi persuna oħra li tkun inkluża fis-superviżjoni ta' konformità mat-test tal-kapital tal-grupp, meta l-awtorità kompetenti tkun is-superviżur tal-grupp, sabiex tagħmel spezzjon:

Iżda d-dritt ta' aċċess li jista' jiġi eżerċitat taħt

Verżjoni Elettronika

dan is-subartikolu fir-rigward ta' kull persuna inkluża fis-superviżjoni ta' konformità mat-test tal-kapital tal-grupp meta l-awtorità kompetenti tkun is-superviżur tal-grupp, għandu jkun soġġett għal avviż li jingħata bil-quddiem lil awtoritajiet kompetenti oħra li jkunu involuti.".

Żieda tal-artikolu 16AA mal-Att prinċipali.

18. Minnufih wara l-artikolu 16A tal-Att prinċipali għandu jiġi miżjud dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Miżuri superviżorji relatati ma' holding companies finanzjarji u ma' holding companies finanzjarji mħallta.

16AA. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull setgħa oħra li għandha l-awtorità kompetenti taħt dan l-Att jew kull liġi oħra, meta l-awtorità kompetenti tkun is-superviżur konsolidanti u tkun stabbiliet li l-kondizzjonijiet stipulati fl-artikolu 10D(4) ma jkunux tħarsu jew ma jkunux baqgħu jitħarsu, l-awtorità kompetenti għandha tadotta l-miżuri superviżorji adatti li jiżguraw jew ireġġgħu lura, kif jista' jkun il-każ, il-kontinwità u l-integrità ta' superviżjoni konsolidata u tiżgura konformità mal-ħtiġiet stipulati f'dan l-Att u fi kwalunkwe regolamenti magħmulin u Regoli dwar is-Servizzi ta' Investiment maħruġin taħtu li jittrasponu s-CRD, fi strumenti legali vinkolanti maħruġin taħt is-CRD, u fis-CRR, fuq bażi konsolidata. Fil-każ ta' holding company finanzjarja mħallta, il-miżuri superviżorji applikati mill-awtorità kompetenti bħala s-superviżur konsolidanti għandhom, b'mod partikolari, iqisu l-effetti fuq il-konglomerat finanzjarju. Il-miżuri superviżorji msemmija f'dan is-subartikolu għandhom jinkludu:

(a) l-irtirar tal-approvazzjoni mogħtija lil holding company finanzjarja jew holding company finanzjarja mħallta skont l-artikolu 10D;

(b) is-sospensjoni milli jiġu eżerċitati l-jeddijiet ta' votazzjoni assenjati għall-parteċipazzjonijiet tal-istituzzjonijiet sussidjarji miżmuma mill-holding company finanzjarja jew mill-holding company finanzjarja mħallta;

(ċ) il-ħruġ ta' miżuri amministrattivi jew penali amministrattivi, skont dan l-Att u kwalunkwe regolamenti magħmulin jew Regoli dwar is-Servizzi ta' Investiment maħruġin taħtu, kontra l-holding company finanzjarja, il-holding company finanzjarja mħallta jew id-diretturi u managers, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jittrasponu l-Artikoli 65 sa 72 tas-CRD;

Verżjoni Elettronika

(d) il-ħruġ ta' istruzzjonijiet jew direzzjonijiet lill-holding company finanzjarja jew holding company finanzjarja mħallta, biex tittrasferixxi lill-azzjonisti tagħha l-parteċipazzjonijiet fl-istituzzjonijiet sussidjarji tagħha;

(e) il-ħruġ ta' direttiva lil holding company finanzjarja jew lil holding company finanzjarja mħallta skont l-artikolu 15;

(f) in-nomina temporanja ta' holding company finanzjarja, holding company finanzjarja mħallta jew istituzzjoni fi ħdan il-grupp oħra bħala responsabbli biex tiġi żgurata konformità mal-ħtiġiet stipulati f'dan l-Att u, jew fi kwalunkwe regolamenti magħmulin u, jew Regoli dwar is-Servizzi ta' Investiment maħruġin taħtu li jittrasponu s-CRD, fis-CRD u, jew fis-CRR fuq bażi konsolidata;

(g) ir-restrizzjoni jew projbizzjoni ta' tqassim jew ħlas ta' mgħax lil azzjonisti;

(h) il-ħtieġa li holding companies finanzjarji jew holding companies finanzjarji mħallta jiżvestu lilhom infushom, jew inaqqsu, il-parteċipazzjonijiet tagħhom f'istituzzjonijiet jew entitajiet oħra fis-settur finanzjarju;

(i) il-ħtieġa li holding companies finanzjarji jew holding companies finanzjarji mħallta jippreżentaw pjan dwar kif se jerġgħu, mingħajr dewmien, jikkonformaw ruħhom;

(j) ir-restrizzjoni ta' xi persuna fi ħdan holding companies finanzjarji jew holding companies finanzjarji mħallta u, jew holding companies finanzjarji jew holding companies finanzjarji mħallta milli tieħu, jew tkompli tieħu, xi azzjoni li kaġun tagħha ma jitħarsux jew ma jkunux baqgħu jitħarsu l-kondizzjonijiet stipulati fl-artikolu 10D(4);

Verżjoni Elettronika

(k) il-ħtieġa li xi persuna fi ħdan holding companies finanzjarji jew holding companies finanzjarji mħallta u, jew holding companies finanzjarji jew holding companies finanzjarji mħallta tadotta dawk il-passi li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex tiġi restawrata l-pożizzjoni li kienet teżisti minnufih qabel ma tkun ittieħdet xi azzjoni, li kaġun tagħha ma jitħarsux jew ma jkunux baqgħu jitħarsu l-kondizzjonijiet stipulati fl-artikolu 10D(4);

(l) ir-restrizzjoni ta' xi persuna fi ħdan holding companies finanzjarji jew holding companies finanzjarji mħallta u, jew holding companies finanzjarji jew holding companies finanzjarji mħallta milli teżerċita dawk il-jeddijiet konferiti lilhom minn xi azzjoni leġittima, li kaġun tagħhom ma jitħarsux jew ma jkunux baqgħu jitħarsu l-kondizzjonijiet stipulati fl-artikolu 10D(4), inkluż il-jedd li jirċievu xi ħlas jew li jeżerċitaw xi jeddijiet ta' votazzjoni marbutin mal-azzjonijiet akkwistati;

(m) kull miżura taħt l-artikolu 15A:

Iżda fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha, taħt l-artikolu 15A, id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis*, u iżda wkoll kull referenza għal "detentur tal-liċenzja" għandha titqies bħala referenza għal "holding company finanzjarja" u, jew "holding company finanzjarja mħallta", skont ma jkun applikabbli.

(2) Meta l-awtorità kompetenti tkun biħsiebha tirtira approvazzjoni skont is-subartikolu (1)(a), din għandha tinnotifika l-intenzjoni tagħha bil-miktub lill-holding company finanzjarja jew lill-holding company finanzjarja mħallta; dik in-notifika għandha tispeċifika l-motivi għaliex l-awtorità kompetenti tkun biħsiebha tieħu tali azzjoni u għandha tispeċifika żmien, li jkun perjodu ta' mhux inqas minn tmienja u erbgħin siegħa u mhux iżjed minn tletin jum kalendarji, li matulu l-holding company finanzjarja jew il-holding company finanzjarja mħallta jkollha jedd tressaq ilmenti quddiem l-awtorità kompetenti dwar ir-raġuni għaliex m'għandhiex tittieħed tali azzjoni. Sakemm l-awtorità kompetenti ma tiddeċidix li l-kwistjoni tkun waħda urġenti, hija m'għandhiex tirtira approvazzjoni qabel ma jiskadi tali perjodu.

Verżjoni Elettronika

(3) Għall-fini li jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-miżuri superviżorji msemmija fis-subartikolu (1), meta l-holding company finanzjarja jew il-holding company finanzjarja mħallta tkun stabbilita fi Stat Membru jew fi Stat ŻEE li ma jkunx Malta u l-awtorità kompetenti tkun is-superviżur konsolidanti, l-awtorità kompetenti għandha tikkollabora mal-awtorità regolatorja Ewropea fl-Istat Membru jew Stat ŻEE fejn il-holding company finanzjarja jew il-holding company finanzjarja mħallta tkun stabbilita, kif jista' jkun il-każ, f'konsultazzjoni sħiħa.

(4) Meta l-awtorità kompetenti ma tkunx is-superviżur konsolidanti imma l-holding company finanzjarja jew il-holding company finanzjarja mħallta tkun stabbilita f'Malta, l-awtorità kompetenti għandha tikkollabora, għall-finijiet li tieħu deċiżjonijiet dwar il-miżuri superviżorji msemmija fl-Artikolu 21a(6) tas-CRD, mal-awtorità regolatorja Ewropea li tkun qiegħda taġixxi bħala s-superviżur konsolidanti, f'konsultazzjoni sħiħa.

(5) Meta l-awtorità kompetenti tkun is-superviżur konsolidanti u meta l-holding company finanzjarja jew il-holding company finanzjarja mħallta ma tkunx stabbilita f'Malta, l-awtorità kompetenti għandha tħejji valutazzjoni dwar l-affarijiet imsemmija fis-subartikolu (1), u għandha tgħaddi dik il-valutazzjoni lill-awtorità regolatorja Ewropea fl-Istat Membru jew Stat ŻEE fejn il-holding company finanzjarja jew il-holding company finanzjarja mħallta tkun stabbilita.

(6) L-awtorità kompetenti, sew jekk tkun qiegħda taġixxi bħala s-superviżur konsolidanti sew jekk tkun qiegħda tirċievi l-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 21a(8) tas-CRD mingħand l-awtorità regolatorja Ewropea li tkun qiegħda taġixxi bħala s-superviżur konsolidanti, għandha tagħmel minn kollox biex sakemm tista' skont il-poteri tagħha tasal għal deċiżjoni konġunta dwar il-miżuri msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u, jew fl-Artikolu 21a(6) tas-CRD, mal-awtorità regolatorja Ewropea fl-Istat Membru jew Stat ŻEE fejn il-holding company finanzjarja jew il-holding company finanzjarja mħallta tkun stabbilita jew mal-awtorità regolatorja Ewropea li tkun qiegħda taġixxi bħala s-superviżur konsolidanti, kif jista' jkun il-każ, fi żmien xahrejn (2) minn meta tirċievi dik il-valutazzjoni:

Verżjoni Elettronika

Iżda d-deċiżjoni konġunta għandha tkun debitament dokumentata u motivata u meta l-awtorità kompetenti tkun is-superviżur konsolidanti, din għandha tikkomunika d-deċiżjoni konġunta lill-holding company finanzjarja jew lill-holding company finanzjarja mħallta.

(7) Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-awtorità kompetenti u l-awtorità regolatorja Ewropea li tkun qiegħda taġixxi bħala s-superviżur konsolidanti jew mal-awtorità regolatorja Ewropea fl-Istat Membru jew Stat ŻEE fejn il-holding company finanzjarja jew il-holding company finanzjarja mħallta tkun stabbilita, kif jista' jkun il-każ, l-awtorità kompetenti għandha tastjeni milli tieħu d-deċiżjoni konġunta msemmija fis-subartikolu (6) u għandha tirreferi l-kwistjoni lill-EBA skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. F'każijiet bħal dawk, l-awtorità kompetenti għandha tadotta deċiżjoni konġunta mal-awtorità regolatorja Ewropea li tkun qiegħda taġixxi bħala s-superviżur konsolidanti jew mal-awtorità regolatorja Ewropea fl-Istat Membru jew Stat ŻEE fejn il-holding company finanzjarja jew il-holding company finanzjarja mħallta tkun stabbilita, kif jista' jkun il-każ, b'mod konformi mad-deċiżjoni tal-EBA:

Iżda m'għandhiex issir referenza tal-kwistjoni lill-EBA wara li jgħaddi ż-żmien ta' xahrejn imsemmi fis-subartikolu (6) jew wara li tkun ittieħdet deċiżjoni konġunta.

(8) Fil-każ ta' holding companies finanzjarji mħallta, meta l-kordinatur maħtur skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2002/87/KE ma jkun la l-awtorità kompetenti, la l-awtorità regolatorja Ewropea li tkun qiegħda taġixxi bħala s-superviżur konsolidanti, u lanqas l-awtorità regolatorja Ewropea fl-Istat Membru jew Stat ŻEE fejn il-holding company finanzjarja mħallta tkun stabbilita, għandu jkun meħtieġ il-qbil ta' dak il-kordinatur għall-finijiet tad-deċiżjonijiet jew deċiżjonijiet konġunti msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u, jew fl-Artikolu 21a(6) tas-CRD, skont ma jkun japplika. Meta jkun meħtieġ il-qbil tal-kordinatur, l-awtorità kompetenti għandha tirreferi kull nuqqas ta' qbil lill-Awtorità Superviżorja Ewropea relevanti, jiġifieri, lill-EBA jew lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol) (EIOPA -

Verżjoni Elettronika

European Insurance and Occupational Pensions Authority), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010, li għandha tasal għad-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar minn meta tirċievi t-talba għal konsultazzjoni. Kull deċiżjoni li tittieħed skont dan is-subartikolu għandha tittieħed mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjonijiet taħt id-Direttiva 2002/87/KE jew id-Direttiva dwar is-Solvenza II.

(9) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

(a) il-kelma "grupp" tfisser grupp kif imfissra fil-punt (138) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR;

(b) il-kelma "istituzzjoni" tfisser istituzzjoni kif imfissra fil-punt (3) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR;

(ċ) il-kelma "parteċipazzjoni" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fil-punt (35) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR; u

(d) il-kelma "sussidjarja" tfisser sussidjarja kif imfissra fil-punt (16) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR.".

Emenda tal-artikolu 16B tal-Att prinċipali.

19. Fl-artikolu 16B tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "id-Direttiva MiFID u d-Direttiva UCITS, inklużi", għandhom jidħlu l-kliem "il-MiFID, id-Direttiva UCITS, u l-IFD, inklużi".

Emenda ta' subtitolu fl-Att prinċipali.

20. Minnufih wara l-artikolu 16B, kif emendat, minflok is-subtitolu "KO-OPERAZZJONI MA' AWTORITAJIET REGOLATORJI EWROPEJ U MA' KORPI OĦRA" għandu jidħol is-subtitolu "KOOPERAZZJONI MA' AWTORITAJIET REGOLATORJI U MA' KORPI OĦRA".

Emenda tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali.

21. L-artikolu 17 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1A) L-awtorità kompetenti għandha tikkoopera ma' awtoritajiet regolatorji jew korpi lokali oħra li jkunu wkoll responsabbli għas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji u għandha tiskambja ma' dawk l-awtoritajiet regolatorji jew korpi lokali, mingħajr dewmien, kull informazzjoni li tkun essenzjali jew rilevanti biex jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "il-MiFIR u d-Direttiva UCITS." għandhom jidħlu l-kliem "il-MiFIR, id-Direttiva UCITS, l-IFD u l-IFR.", minflok il-kliem "id-Direttiva

Verżjoni Elettronika

MiFID u d-Direttiva UCITS, l-awtorità kompetenti tista' tuża" għandhom jidħlu l-kliem "il-MiFID, id-Direttiva UCITS u l-IFD, l-awtorità kompetenti tista' tuża" u minnufih wara l-proviso tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2A) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (2), l-awtorità kompetenti għandha, għall-finijiet ta' dmirijietha skont l-IFR u l-IFD kif trasposti fil-liġi tal-pajjiż, tiskambja informazzjoni dwar ditti ta' investiment ma' awtoritajiet regolatorji Ewropej mingħajr dewmien, inkluż dan li ġej:

(a) informazzjoni dwar il-ġestjoni u l-istruttura tas-sjieda tad-ditta ta' investiment;

(b) informazzjoni dwar konformità ma' rekwiżiti ta' fondi proprji mid-ditta ta' investiment;

(ċ) informazzjoni dwar konformità mar-rekwiżiti ta' riskju ta' konċentrazzjoni u rekwiżiti ta' likwidità tad-ditta ta' investiment;

(d) informazzjoni dwar il-proċeduri amministrattivi u ta' kontabilità u mekkaniżmi ta' kontroll intern tad-ditta ta' investiment; u

(e) xi fatturi rilevanti oħra li jistgħu jinfluwenzaw ir-riskju kkawżat mid-ditta ta' investiment:

Iżda għall-finijiet ta' dan is-subartikolu l-kliem "ditta ta' investiment" ifisser ditta ta' investment li jkollha liċenzja taħt dan l-Att.";

(ċ) fil-paragrafu (f) tas-subartikolu (7) tiegħu, minflok il-kliem "l-MiFIR.", għandhom jidħlu l-kliem "l-MiFIR; jew" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(g) biex jissorveljaw ir-regoli prudenzjali stabbiliti fl-IFD u fl-IFR.";

(d) fis-subartikolu (9) tiegħu, minflok il-kliem "tal-BRRD, tas-CRD u tas-CRR, kif jista' jiġi preskritt." għandhom jidħlu l-kliem "tal-BRRD, tas-CRD, tas-CRR, tal-IFD u tal-IFR, kif jista' jiġi preskritt.";

(e) fis-subartikolu (10) tiegħu, minflok il-kliem "tad-Direttiva AIFM, tas-CRD, tas-CRR, tal-MiFID, tal-MiFIR jew

Verżjoni Elettronika

tad-Direttiva UCITS jkunu qegħdin" għandhom jidħlu l-kliem "tad-Direttiva AIFM, tas-CRD, tas-CRR, tal-MiFID, tal-MiFIR, tad-Direttiva UCITS, tal-IFD u tal-IFR jkunu qegħdin"; u

(f) fis-subartikolu (12) tiegħu, minflok il-kliem "tad-Direttiva AIGM, tas-CRD, tas-CRR, tal-MiFID, tal-MiFIR jew tad-Direttiva UCITS, ikunu qegħdin" għandhom jidħlu l-kliem "tad-Direttiva AIGM, tas-CRD, tas-CRR, tal-MiFID, tal-MiFIR, tad-Direttiva UCITS, tal-IFD jew tal-IFR jkunu qegħdin".

Emenda tal-artikolu 17A tal-Att prinċipali.

22. L-artikolu 17A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok in-nota marġinali tiegħu għandha tidħol din li ġejja:

"Kooperazzjoni fil-funzjonijiet ta' sorveljanza, verifiki, kontrolli fuq il-post, spezzjonijiet u investigazzjonijiet."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(4) Mingħajr preġudizzju għal xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ il-kooperazzjoni ta' xi awtorità regolatorja Ewropea biex tivverifika informazzjoni dwar ditti ta' investiment, holding companies ta' investiment, holding companies finanzjarji mħallta, istituzzjonijiet finanzjarji, impriżi ta' servizzi anċillari, holding companies ta' attività mħallta jew sussidjarji, inklużi sussidjarji li jkunu kumpaniji tal-assigurazzjoni, li jkunu jinsabu fit-territorju tal-awtorità regolatorja Ewropea konċernata.

(5) Mingħajr preġudizzju għal xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, awtorità regolatorja Ewropea tista' teħtieġ il-kooperazzjoni tal-awtorità kompetenti biex tivverifika informazzjoni dwar ditti ta' investiment, holding companies ta' investiment, holding companies finanzjarji mħallta, istituzzjonijiet finanzjarji, impriżi ta' servizzi anċillari, holding companies ta' attività mħallta jew sussidjarji, inklużi sussidjarji li jkunu kumpaniji tal-assigurazzjoni, li jkunu jinsabu f'Malta.

(6) Meta awtorità regolatorja Ewropea tagħmel talba skont is-subartikolu (2), l-awtorità kompetenti għandha, fil-limiti tas-setgħat li għandha:

(a) twettaq il-verifika hi nnifisha;

Verżjoni Elettronika

(b) tippermetti lill-awtorità regolatorja Ewropea li tkun għamlet dik it-talba twettaq tali verifika;

(ċ) titlob lil xi awditur jew espert iwettaq dik il-verifika b'mod imparzjali u jirrapporta r-riżultanzi minnufih:

Iżda għall-finijiet tal-paragrafi (a) u (ċ), l-awtorità regolatorja Ewropea li tkun għamlet it-talba għandha titħalla tieħu sehem fil-verifika.

(7) Meta Kumpanija ta' Investiment Ewropew tiġġestixxi l-attivitajiet tagħha minn xi fergħa f'Malta, l-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru domestiku tista', wara li tgħarraf lill-awtorità kompetenti, tiġġestixxi, kemm hi nnifisha kif ukoll permezz ta' intermedjarji li hija taħtar għal dak l-għan, spezzjonijiet ta' xi tali fergħa u kontrolli fuq il-post dwar l-informazzjoni msemmija fl-artikolu 17(2A).

(8) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (7), meta Malta tkun l-Istat Membru ospitanti, l-awtorità kompetenti għandu jkollha, għall-għanijiet ta' superviżjoni u meta l-awtorità kompetenti tqis li jkun rilevanti għal raġunijiet tal-istabilità tas-sistema finanzjarja f'Malta, is-setgħa li twettaq, kull każ għalih, kontrolli fuq il-post u spezzjonijiet tal-attivitajiet imwettqa mill-fergħat ta' Kumpanija ta' Investiment Ewropew fuq it-territorju tagħha u teħtieġ informazzjoni mill-fergħa dwar l-attivitajiet tagħhom:

Iżda, qabel ma twettaq dawk il-verifiki u spezzjonijiet, l-awtorità kompetenti għandha, mingħajr dewmien, tikkonsulta mal-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti:

Iżda wkoll, kemm jista' jkun malajr wara li jintemmu dawk il-kontrolli fuq il-post u l-ispezzjonijiet, l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika lill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru ospitanti l-informazzjoni li tinkiseb u r-riżultanzi li jkunu rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskju tal-Kumpanija ta' Investiment Ewropew involuta.".

Emenda tal-artikolu 17F tal-Att prinċipali.

23. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 17F tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

Verżjoni Elettronika

(a) fil-paragrafu (i) tiegħu, minflok il-kliem "impriżi tal-assigurazzjoni u għas-sorveljanza ta' swieq finanzjarji;" għandhom jidħlu l-kliem "impriżi tal-assigurazzjoni, istituzzjonijiet finanzjarji u swieq finanzjarji, inklużi entitajiet finanzjarji li jkollhom liċenzja biex joperaw bħala kontropartijiet ċentrali meta kontropartijiet ċentrali jkunu ġew rikonoxxuti taħt l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;";

(b) fil-paragrafu (v) tiegħu, minflok il-kliem "istituzzjonijiet finanzjarji oħra;" għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjonijiet finanzjarji oħra:"; u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (v) tiegħu għandu jiġi miżjud dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda, għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, it-terminu "istituzzjonijiet finanzjarji" ifisser istituzzjonijiet finanzjarji kemm kif imfissra fil-punt (26) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR, kif ukoll kif imfissra fil-punt (14) tal-Artikolu 4(1) tal-IFR;".

Emenda tal-artikolu 18 tal-Att prinċipali

24. L-artikolu 18 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Awditur ta' detentur tal-liċenzja jkollu d-dmir li jirrapporta minnufih lill-awtorità kompetenti kwalunkwe fatt jew deċiżjoni li jkunu jirrigwardaw lil dak id-detentur tal-liċenzja li huwa jsir jaf bihom fil-kapaċità tiegħu bħala awditur ta' dak id-detentur tal-liċenzja li –

(a) x'aktarx iwasslu għal kwalifika serja jew ir-rifjut tar-rapport tal-awditur fuq il-kontijiet ta' dak id-detentur tal-liċenzja;

(b) jikkostitwixxu jew x'aktarx jikkostitwixxu ksur materjali ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti jew Regoli maħruġa taħtu, inklużi r-rekwiżiti legali jew regolatorji li japplikaw għal detenturi tal-liċenzja f'dan l-Att jew taħtu;

(ċ) jistgħu jaffettwaw il-funzjonament kontinwu tad-detentur tal-liċenzja;

(d) jistgħu jwasslu għal rifjut ta' ċertifikazzjoni tal-kontijiet tad-detentur tal-liċenzja jew biex jiġu espressi xi riżervi; jew

Verżjoni Elettronika

(e) ikollhom x'jaqsmu ma' ħwejjeġ oħra li jistgħu jiġu preskritti."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(6) L-awtorità kompetenti tista' teħtieġ is-sostituzzjoni ta' xi persuna msemmija fis-subartikolu (1) jekk dik il-persuna taġixxi bi ksur tal-obbligazzjonijiet tiegħu taħt il-paragrafi (a) sa (d) tas-subartikolu (1).".

Emenda tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali.

25. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

(a) fil-paragrafu (i) tiegħu, minflok il-kliem "(2) u (4)." għandhom jidħlu l-kliem "(2) u (4);"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (i) tiegħu għandu jiġi mizjud dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(j) kwalunkwe miżura li tittieħed skont il-paragrafi (a) sa (l) tal-artikolu 16AA(1).".

Emenda tal-artikolu 26 tal-Att prinċipali

26. L-artikolu 26 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "Tagħrif miksub mill-awtorità kompetenti" għandhom jidħlu l-kliem "Ħlief bil-għan li jaqdu dmirijiethom jew il-funzjonijiet tagħhom sew taħt dan l-Att jew taħt xi Att ieħor, jew hekk kif jista' jiġi xort'oħra provdut f'xi liġi oħra, tagħrif miksub mill-awtorità kompetenti", u minflok il-kliem "fil-qadi ta' xi funzjonijiet taħt xi waħda mill-imsemmija dispożizzjonijiet, għandu jitqies" għandhom jidħlu l-kliem "fil-qadi ta' dmirijiethom jew ta' xi funzjoni tagħhom, għandu jitqies"; u

(ii) fl-ewwel proviso tiegħu, minflok il-kliem "id-Direttiva UCITS, u" għandhom jidħlu l-kliem "id-Direttiva UCITS, l-IFD u l-IFR u";

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, kif emendat, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(1A) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), tagħrif miksub mill-awtorità kompetenti jew mill-uffiċjali, mill-impjegati jew mill-aġenti tagħha, kif ukoll

Verżjoni Elettronika

minn spetturi, awdituri u esperti, li jkunu jew kienu mqabbda mill-awtorità kompetenti, waqt il-qadi ta' dmirijiethom u, jew skont l-IFR jew l-IFD kif trasposti fil-liġi tal-pajjiż, għandu jitqies bħala kunfidenzjali u protett bid-dmir ta' segretezza professjonali, u ma għandu jiġi żvelat lill-ebda persuna oħra, ħlief f'dawn il-każijiet li ġejjin:

(a) meta dan ikun meħtieġ għall-qadi kif imiss ta' dmirijiethom jew tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att jew taħt xi Att ieħor, jew hekk kif jista' jiġi xort'oħra provdut f'xi liġi oħra;

(b) meta t-tagħrif jiġi żvelat f'format sommarju jew aggregat, sakemm ditti ta' investiment jew persuni individwali ma jkunux jistgħu jiġu identifikati, mingħajr preġudizzju għal każijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-liġi kriminali;

(ċ) fi proċeduri ċivili jew kummerċjali, meta d-ditta ta' investiment li t-tagħrif ikollu x'jaqsam magħha tkun ġiet dikjarata falluta jew tkun qiegħda tiġi stralċjata b'mod obbligatorju, dak it-tagħrif ma jkunx jinvolvi terzi persuni u l-iżvelar ta' dak it-tagħrif ikun meħtieġ biex jitmexxew dawk il-proċeduri;

(d) fi proċeduri istitwiti taħt l-artikolu 19;

(e) sabiex jiġu sorveljati r-regoli prudenzjali stabbiliti fl-IFD kif trasposti fil-liġi tal-pajjiż u fl-IFR;

(f) sabiex jiġu imposti penalitajiet u miżuri amministrattivi oħra;

(g) f'xi appell kontra deċiżjoni tal-awtorità kompetenti, inklużi proċeduri ġudizzjarji;

(h) lill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea meta t-tagħrif ikun meħtieġ biex jitwettqu s-setgħat tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea; u, jew

(i) lill-EBA, l-ESMA, l-ESRB, lil banek ċentrali tal-Istati Membri jew ta' Stati taż-ŻEE, lis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u lill-Bank Ċentrali Ewropew, fil-kapaċità tagħhom bħala

Verżjoni Elettronika

awtoritajiet monetarji, u, meta jkun xieraq, awtoritajiet pubbliċi responsabbli għas-sorveljanza ta' sistemi ta' pagament u saldu, meta dak it-tagħrif ikun meħtieġ għat-twettiq ta' dmirijiethom.

(1B) Persuni fiżiċi u ġuridiċi u korpi oħra, li ma jkunux dawk imsemmija fis-subartikolu (1A), li jirċievu tagħrif skont l-IFR jew l-IFD kif trasposti fil-liġi tal-pajjiż għandhom jużaw biss dak it-tagħrif għal dawk il-finijiet espressament provduti mill-awtorità kompetenti jew bil-liġi."; u

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "tal-Artikolu 81 tal-MiFID u tal-Artikolu 102 tad-Direttiva UCITS", għandhom jidħlu l-kliem "tal-Artikolu 81 tal-MiFID, tal-Artikolu 15 tal-IFD, u tal-Artikolu 102 tad-Direttiva UCITS".

Żieda tal-artikoli 32, 33 u 34 fl-Att prinċipali.

27. Minnufih wara l-artikolu 31 tal-Att prinċipali għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Inklużjoni ta' holding companies fis-superviżjoni ta' konformità mat-test tal-kapital tal-grupp.

32. Holding companies ta' investiment u holding companies finanzjarji mħallta għandhom jiġu inklużi fis-superviżjoni ta' konformità mat-test tal-kapital tal-grupp.

Valutazzjoni ta' superviżjoni minn pajjiżi terzi u tekniki superviżorji oħra.

33. (1) Meta żewġ ditti ta' investiment Ewropej jew aktar li jkunu sussidjarji tal-istess kumpanija prinċipali, li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha f'pajjiż terz, ma jkunux soġġetti għal superviżjoni effettiva f'livell ta' grupp, l-awtorità kompetenti għandha, flimkien ma' awtoritajiet regolatorji Ewropej involuti, tevalwa jekk id-ditti ta' investiment Ewropej ikunux soġġetti għal superviżjoni mill-awtorità superviżorja tal-pajjiż terz li tkun ekwivalenti għas-superviżjoni stabbilita fl-IFD kif trasposta fil-liġi tal-pajjiż u fl-Ewwel Parti tal-IFR.

(2) Meta l-valutazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tikkonkludi li ma tapplika l-ebda tali superviżjoni ekwivalenti, l-awtorità kompetenti għandha tadotta tekniki superviżorji xierqa li jiksbu l-għanijiet ta' superviżjoni skont l-artikolu 7 jew 8 tal-IFR. Dawk it-tekniki superviżorji għandhom jiġu deċiżi mill-awtorità kompetenti fejn din kienet kieku tkun is-superviżur tal-grupp li kieku l-kumpanija prinċipali kienet stabbilita fl-Unjoni Ewropea, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji Ewropej involuti. Il-miżuri li jittieħdu skont dan il-paragrafu mill-awtorità kompetenti għandhom jiġu notifikati lill-awtoritajiet

Verżjoni Elettronika

regolatorji Ewropej involuti, lill-EBA u lill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea.

(3) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (2), meta l-awtorità kompetenti kienet kieku tkun is-superviżur tal-grupp li kieku l-kumpanija prinċipali kienet stabbilita fl-Unjoni Ewropea, din tista' teħtieġ li titwaqqaf holding company ta' investiment jew holding company finanzjarja mħallta fl-Unjoni Ewropea u tapplika l-artikolu 7 jew 8 tal-IFR għal dik il-holding company ta' investiment jew holding company finanzjarja mħallta.

Superviżjoni ta' holding companies ta' attività mħallta.

34. Meta l-impriża prinċipali ta' ditta ta' investiment li jkollha liċenzja taħt dan l-Att tkun holding company ta' attività mħallta, l-awtorità kompetenti tista' tissorvelja transazzjonijiet bejn dik id-ditta ta' investiment u l-holding company ta' attività mħallta u s-sussidjarji ta' din tal-aħħar, u teħtieġ li l-imsemmija ditta ta' investiment ikollha jiffunzjonaw proċessi ta' ġestjoni ta' riskju u mekkaniżmi ta' kontroll intern adegwati, inklużi rappurtar sod u proċeduri ta' kontabbiltà li jidentifikaw, iqisu, jissorveljaw u jikkontrollaw dawk it-transazzjonijiet.".

TAQSIMA III
EMENDI GĦALL-ATT DWAR IL-KUMMERĊ BANKARJU

Emendi għall-Att dwar il-Kummerċ Bankarju. Kap. 371.

28. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

29. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel it-tifsira "ditta ta' investiment" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva (UE) 2019/2034" tfisser Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar is-superviżjoni prudenzjali tad-ditti ta' investiment u li temenda d-Direttivi 2002/87/KE, 2009/65/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE, 2014/59/UE u 2014/65/UE, kif emendati minn żmien għal żmien, u li tinkludi kull strument legali vinkolanti, linji gwida u miżuri oħra li jkunu ġew maħruġa jew li jistgħu jiġu maħruġa taħtha;";

(b) fit-tifsira "liċenza", minflok il-kliem "liċenza

Verżjoni Elettronika

mogħtija skont l-artikolu 5 jew 7;"għandhom jidħlu l-kliem "liċenzja mogħtija skont l-artikolu 5, 6A jew 7;"; u

(ċ) minnufih wara t-tifsira "Regolament (UE) Nru 1095/2010" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Regolament (UE) 2019/2033" tfisser Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 575/2013, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 806/2014, kif emendati minn żmien għal żmien, u li jinkludi kull strument legali vinkolanti, linji gwida u miżuri oħra li jkunu ġew maħruġa jew li jistgħu jiġu maħruġa taħtu;".

Żieda tal-artikolu 6A fl-Att prinċipali.

30. Minnufih wara l-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Rekwiżiti speċifiċi dwar liċenzji għal istituzzjonijiet ta' kreditu msemmija fil-punt (1)(b) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR.
Kap. 370.

6A. (1) L-impriżi msemmija fil-punt (1)(b) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR li jkunu diġà kisbu liċenzja b'mod konformi mal-artikoli 3, 5 u 6 tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment għandhom jippreżentaw talba għal liċenzja skont l-artikoli 5 u 6, mhux aktar tard mill-jum meta tiġri xi waħda minn dawn l-avvenimenti li ġejjin:

(a) il-medja tal-attiv totali fix-xahar, kalkulat tul perjodu ta' tnax-il xahar konsekuttiv, tkun daqs jew teċċedi tletin biljun euro (€30,000,000,000); jew

(b) il-medja tal-attiv totali fix-xahar kalkulat tul perjodu ta' tnax-il xahar konsekuttiv ikun inqas minn tletin biljun euro (€30,000,000,000), u l-intrapriża tkun tifforma parti minn grupp li fih il-valur totali tal-attiv konsolidat tal-impriżi kollha fil-grupp li individwalment ikollhom attiv totali ta' inqas minn tletin biljun euro (€30,000,000,000) u li jiġġestixxu xi attività minn dawk imsemmija fil-paragrafi (3), (4), (6) u (7) tal-Ewwel Skeda li tinsab annessa mal-Att dwar Servizzi ta' Investiment ikun daqs jew jeċċedi tletin biljun euro (€30,000,000,000), it-tnejn li huma kalkulati tul perjodu ta' tnax-il xahar konsekuttiv.

Kap. 370.

Verżjoni Elettronika

(2) L-impriżi msemmija fis-subartikolu (1) jistgħu jkomplu jiġġestixxu l-attivitajiet msemmija fil-punt (1)(b) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR sakemm dawn jiksbu l-liċenzja msemmija fis-subartikolu (1).

(3) Meta l-awtorità kompetenti, wara li tirċievi l-informazzjoni skont l-Artikolu 95a tal-MiFID, tistabbilixxi li intrapriża tkun se tiġi awtorizzata bħala istituzzjoni ta' kreditu skont l-Artikoli 5 u 6, din għandha tavża lil dik l-impriża.

(4) B'mod konformi mas-subartikolu (1), l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-proċess għandu kemm jista' jkun jiġi simplifikat u li jittieħed kont ta' kull informazzjoni li l-awtorità kompetenti jista' jkollha minn qabel.".

Emenda tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali.

31. Minnufih wara l-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(aa) tuża l-liċenza tagħha esklużivament biex tieħu sehem fl-attivitajiet imsemmija fil-punt (1)(b) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR u jkollha, tul perjodu ta' ħames snin konsekuttivi, medja ta' attiv totali taħt il-limiti stabbiliti f'dak l-Artikolu;".

Emenda tal-artikolu 25 tal-Att prinċipali.

32. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 25 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) L-awtorità kompetenti tista' aktar minn hekk, abbażi tal-impenji internazzjonali ta' Malta, tiskambja informazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji barranin fi Stati Membri oħra jew twassal informazzjoni lill-ESRB, l-EBA jew lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq imwaqqfa bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010, b'mod konformi ma' dan l-Att u ma' kwalunkwe regolamenti magħmula u Regoli Bankarji maħruġa taħtu li jittrasponu s-CRD, ma' kwalunkwe strument legali vinkolanti maħruġ taħt is-CRD, mas-CRR, mar-Regolament (UE) 2019/2033, mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, mal-Artikoli 31, 35 u 36 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, mal-Artikoli 31 u 36 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, mad-Direttiva (UE) 2019/2034 u mad-Direttivi l-oħra li japplikaw għal istituzzjonijiet ta' kreditu. Dik l-informazzjoni għandha tkun soġġetta għas-sigriet professjonali kif provdut dwar dan taħt dan l-Att u kwalunkwe regolamenti maħruġa taħtu.".

Tħassir tal-artikolu 29A tal-Att prinċipali.

33. L-artikolu 29A tal-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Verżjoni Elettronika

34. Minflok is-subartikolu (5) tal-artikolu 34 tal-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda tal-artikolu 34 tal-Att prinċipali.

"(5) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ma għandhomx jipprevjenu lill-awtorità kompetenti milli tiskambja informazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji barranin fi Stati Membri oħra u ma' awtoritajiet fi Stati Membri oħra responsabbli għas-superviżjoni ta' ditti ta' investiment jew milli twassal informazzjoni lill-ESRB, l-EBA jew lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq imwaqqfa bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010, b'mod konformi mal-Att u ma' kwalunkwe regolamenti u Regoli Bankarji maħruġa taħtu li jittrasponu s-CRD, ma' kull strument legali vinkolanti maħruġ taħt is-CRD, mas-CRR, mar-Regolament (UE) 2019/2033, mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, mal-Artikoli 31, 35 u 36 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u mal-Artikoli 31 u 36 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, mad-Direttiva (UE) 2019/2034 u mad-Direttivi l-oħra li japplikaw għal istituzzjonijiet ta' kreditu. Dik l-informazzjoni għandha tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4):

Iżda d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) m'għandhomx jipprevjenu lill-awtorità kompetenti milli tippubblika r-riżultanzi ta' *stress tests* li jkunu saru b'mod konformi mar-Regolamenti dwar Banking Act (Supervisory Review) jew mal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 jew milli twassal ir-riżultanzi ta' *stress tests* lill-EBA bil-għan li jiġu pubblikati mill-EBA ir-riżultati ta' *stress tests* magħmula abbażi tal-UE kollha.". S.L. 371.16.

35. Fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 35 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "tal-artikoli 2A, 5(1) u (2), 6(1), 12" għandhom jidħlu l-kliem "tal-artikoli 2A, 5(1) u (2), 6(1), 6A, 12". Emenda tal-artikolu 35 tal-Att prinċipali.

TAQSIMA IV
EMENDI GĦALL-ATT DWAR ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI

36. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Istituzzjonijiet finanzjarji, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda għall-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji. Kap. 376.

37. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

(a) fit-tifsira "CRD", minflok il-kliem "s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-

Verżjoni Elettronika

investiment, li temenda" għandhom jidħlu l-kliem "s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda"; u

(b) fit-tifsira "CRR", minflok il-kliem "ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda" għandhom jidħlu l-kliem " ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li temenda".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 530 tal-14 ta' Diċembru, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati